**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 19 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Brian Caruana**

Illum 8 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Brian Caruana, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Francis u Carmen nee' Fenech, imwieled Pieta', Malta fit-2 ta' Jannar 1975, residenti fil-fond numru 1, Saint Anthony Alley, Hamrun, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 58575 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn l-1 u t-2 ta' Marzu 2014, u fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi

ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar Is-17 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni ghax ma tirrizultax u minnha illiberatu, u wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22 (1) (a) u artikoli 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabitu hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatu sena (1) prigunerija u sitt mitt ewro (€600) multa.

Finalment, il-Qorti wara li rat artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat ihallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€ 298.54) bhala spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Brian Caruana, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cjoe t-tieni (2), il-imputazzjoni.

(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati cjoe l-ewwel (1) il-imputazzjoni u it-tielet (3) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-**ewwel aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bir-rispett il-prosekuzzjoni strahet biss fuq numru zghir ta' xhieda lkoll pulizija.

Illi bir-rispett jinghad li l-verzjonijiet moghtija minn dawn ix-xhieda certamant ma humiex bizzejjed sabiex l-prosekuzzjoni setghet tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni.

Dan qieghed jinghad ghaliex bir-rispett d-droga nstabet fl-art, f' kuridur mudlam u li certament fil-konfuzzjoni li nqalghet fil-mument tal-arrest fejn l-ufficjali stess tal-pulizija jikkonfermaw li fil-mument tal-arrest kien hemm certu kommossjoni umilment jinghad li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex issib lill-esponenti hati ghaliex xi ufficjali tal-pulizija xehdu li raw lill-esponenti jaghmel certu movimenti bhal meta xi hadd ikun qieghed jarmi xi haga.

Bir-rispett jinghad li l-minimu, almenu, tal-anqas l-prosekuzzjoni messha imqar talbet ghal hatra ta' espert sabiex kien jaghmel analizi tal-impronpti u cjoe tal-marki tas-swaba li kien hemm fuq il-boroz, l-qratas u l-pakketti li nstabu mal-art u l-istess kienu jigu ikkomparati mal-fingerprints tal-esponenti u dan sabiex ikun

stabbilit jekk il-marki tas-swaba misjuba fuq il-boroz, il-qratas u l-pakketti misjuba fl-art kienux jaqblu mal-fingerprints tal-esponenti.

Lanqas ma gew mahtura esperti tad-DNA biex forsi kienet tinstab xi evidenza li dawn il-pakketti kienet verament qeghdin fuq il-persuna tal-esponenti u li verament id-droga misjuba mal-art kienet tal-esponenti.

Illi l-esponenti umilment jissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset bil-kbir li ma talbitx ghal hatra ta' dawn l-esperti.

Bir-rispett jinghad li huwa evidentament car li l-Prosekuzzjoni lanqas biss ippruvat taghmel imqar tentattiv sabiex minn dawn il-boroz, qratas u pakketi jigu ntraccati li imprompti sabiex dawn l-istess marki jkunu ikkomparati mas-swaba tal-esponenti.

Dan qieghed jinghad ghaliex skond ix-xhieda tal-ispettur Gabriel Micallef l-esponenti kien mimli gharaq u kellu fuqu hmieg ta' gurnata.

Ghalhekk bir-rispett jinghad li jekk l-esponenti kien mimli gharaq, jekk dawn il-boroz, qratas u pakketti verament kienu fuq il-persuni tal-esponenti allura certament li fuq imqar wiehed mill-pakketti, jew wiehda mil-qratas jew wahda mil-boroz l-esponenti kien se jkun qieghed ihalli l-marka ta' xi wiehed mis-swaba tieghu.

Illi bir-rispett jinghad li huwa fid-dmir tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni u dan billi tressaq dawk ix-xhieda u l-provi kollha li jistghu jippruvaw il-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi għalhekk tali nuqqas għandu jimmilita' favur l-esponenti u dan stante l-fatt li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat ghal kollox ix-xhieda moghtija mill-esponenti.

L-esponenti fix-xhieda tieghu stqarr li huwa mar Ghawdex ghal karnival. L-esponenti xehed li huwa kien gie arrestat gewwa l-Pyramid club ghax skond il-pulizija huwa kellu d-drogi. L-esponenti spjega kif dan il-club huwa wiehed mill-akbar clubs li hemm Ghawdex. L-esponenti spjega li minhabba li kien il-karnival Ghawdex kien mifqugh bin-nies.

L-esponenti spjega kif huwa dam ghaxar minuti fil-kju biex dahal fil-club. Spjega wkoll li qabel ma dahal il-club il-pulizija kienu anke ghamlulu search. L-esponenti spjega kif il-club ma kienx imdawwal. L-esponenti insista li l-ecstasy la kienu fuqu u lanqas kienu tieghu.

L-esponenti xehed li l-pulizija ma kienux lebsin l-uniformi. L-esponenti sostna li l-pulizija ma nfurmawhx li kienu CID u ghalhekk huwa offra rezistenza x' hin sabtulu rasu mal-hajt. Fl-ebda mument ma rrezista l-pulizija bi ksuhat.

L-esponenti sostna wkoll li fil-mument tal-arrest huwa kien xi ftit xurban. L-esponenti cahad bil-qawwa kollha li huwa hareg xi haga mil-but. L-esponenti spjega wkoll li l-pakett tas-sigarretti Pal Mal li gie esebit mill-prosekuzzjoni,

liema pakkett instab fl-art flimkien mad-droga ma huwiex tieghu u dan stante l-fatt li huwa jpejjep Rothmans Blue u mhux Pal Mal.

Il-Prosekuzzjoni ghazlet li ma taghmilx kontro-ezami lill-esponenti.

Illi bir-rispett jinghad li x-xhieda tal-esponenti ghandha mis-sewwa. Huwa fatt maghruf li fil-jiem tal-Karnival, Ghawdex ikun mifqugh bin-nies u huwa fatt maghruf ukoll li l-club Pyramid huwa wiehed mill-akbar clubs li hemm f' Ghawdex u li dan il-club kien imfittex u iffrekwentat min-nies u ghalhekk ma setghax jonqos li dakinhar tal-karnival fil-club kien hemm in-nies.

Ghalhekk bir-rispett kollu, huwa difficli li wiehed jemmen li dakinhar fil-karnival fil-club ma kien hemm hadd u kien vojt u dan kif xehdu persuni ohra.

Jinghad ukoll li anke jekk il-club kien verament bahh it-tezi tal-prosekuzzjoni u cjoe li l-esponenti kien se jkun qieghed ibiegh id-droga ma jregiex. Dan qieghed jinghad ghaliex jekk il-club kien vojt allura bir-rispett jinghad x' mar jaghmel hemm l-esponenti li kieku ried ibiegh d-droga? Certament li kieku ried jittraffika d-droga l-esponenti kien imur f' post fejn ikun hemm hafna nies u mhux fi club vojt.

L-esponenti fix-xhieda tieghu spjega l-kommossjoni li kienet inqalghet fil-mument tal-arrest, spjega wkoll kif kienu madwar tmien min-nies li qabzu fuqu u li sa dak il-hin huwa ma kienx jaf li huma pulizija ghaliex kienu pajzana u ma ntroducewx lilhom infushom bhala pulizija u xehed ukoll li spiccaw biex habtulu rasu mal-hajt tant li sofra xi feriti kif gie iccerifikat mit-tabib mediku. L-esponenti cahad bil-qawwa kollha li huwa kellu fuqu id-droga, cahad bil-qawwa kollha li d-droga misjuba fl-art kienet tieghu. L-esponenti xehed illi l-pakkett tas-

sigarretti Pal Mal li instab fl-art hdejn id-droga ma kienx tieghu ghaliex huwa sa minn eta' zghira dejjem pejjep Rothmans Blue u qatt ma pejjep Pal Mal.

Illi bir-rispett jinghad li anke hawn, il-verzjoni tal-esponenti ghandha aktar missewwa. Certament li wiehed ma jifhimx kif qatt jista jkun li f' mument ta' kommossjoni kbira. B' diversi persuni mitlufin f' xulxin, f' mument fejn anke intervjenew il-bouncers tal-club ghax hasbu li qeghda ssehh glieda, f' mument fejn l-esponenti kien qieghed ikun imrazzan mill-pulizija, l-esponenti qatt kellu cans li jarmi xi affarijiet li kellu fuqu personali.

Jinghad ukoll li l-Prosekuzzjoni baqghet ma tat l-ebda spjegazzjoni jew raguni ghalfejn filwaqt li qeghda ssostni li d-droga misjuba fl-art hija tal-esponenti izda li-pakkett tas-sigarretti misjub f-art flimkien mad-droga ma kienx tal-esponenti.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **ir-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi minn fuq il-persuna tal-esponenti ma nstab l-ebda oggett u ma nstab xejn li jindika li l-esponenti kien involut fit-traffikar tad-droga. Ezempju ma nstabitx droga fuqu, ma nstabux ammonti konsiderevoli ta' flus, ma nstabx xi notebook jew xi dokument iehor li jindika xi ismijiet ta' xi persuni li forsi setghu kien ghad fadlilhom jaghtuh xi flus jew li forsi talbuh xi droga. Assolutament ma nstab xejn. Anke fil-mobile tal-esponenti li certament li gie ikkonfiskat immedjatament u filmument tal-arrest ma nstabet ebda informazzjoni li kienet tindika li l-esponenti kien qieghed jittraffika d-droga.

Fil-mobile tal-esponent ma nstabux xi messaggi li jindikaw li kien qieghed isehh xi traffikar ta' droga u ma nstabx li sar xi kuntatt mill-esponenti ma xi persuna li possibilment permezz tal-istess setghet inbieghet xi droga.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravji precedenti **il-hames aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi, bl-akbar rispett it-trapass taz-zmien minn meta sar ir-reat, kif ukoll is-sitwazzjoni prezenti tal-esponent kellhom jinghataw aktar attenzjoni u kellhom jigu moghtija piz akbar meta l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-piena. L-esponent umilment jemmen illi c-cirkostanzi hawn fuq imsemmija jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi waqt is-seduta li inzammet nhar is-7 ta' Jannar 2022, il-Qorti qajjmet l-eccezzjoni tan-nullita' *ex officio* u l-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha tippronunzja ruhha f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti tixtieq tibda billi tqajjem punt ta' natura proceduràli u cioe' in-nullita tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ghaliex l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-Artikolu tal-ligi li jiddisponi r-reat li bih l-akkuzat gie akkuzat.

Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> *' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfazi mizjuda)*

Illi ghalhekk skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li

taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w ssemmi l-Artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti **n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata.** Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] "u ohrajn).

Illi gie ritenut ukoll li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *ex officio* (kif ghamlet din l-istess Qorti ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[7] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[8] " u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[9]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

> *'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li*

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.

*suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[10]" gie kkunsidrat li:

*' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) Vs Stephen Bonsfield'**[11] gie kkunsidrat li:

*'Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni*

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru: 327/2005).

*vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati millQorti bhala lartikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti "ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser* ***li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat.'***

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony D'Alfonso**[12] fejn il-Qorti qalet hekk:

*3. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-osservazzjoni tal-Avukat Generali. Meta l-ewwel Qorti qalet x'kienu l-fatti fil-qosor, rreplikat dak li bih il-prosekuzzjoni xliet lill-imputat. Sa hemm l-ewwel Qorti kienet in pjena konformita' mal-artikolu 382 tal-Kap 9 izda wara li ddikjarat li kienet qed issib lill-imputat hati,* ***naqset milli tindika dak l-artikolu relevanti tal-ligi kif jitlob l-artikolu 382.***

Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Olivier Abela**[13] fejn il-Qorti tal-Appell ukoll irriteniet is-segwenti:

[12] Dezia mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' April, 2021.
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Frar, 2021.

*5. Illi b'hekk wieħed mir-rekwiżiti ad validitatem imsemmi fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex osservat in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati* ***naqset milli ssemmi wieħed mill-artikoli tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tqis is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala nulla, liema nullita tista' titqajjem minn din il-Qorti ex officio.***

L-Ewwel Qorti f'dan il-kaz naqset milli ssemmi l-Artikolu li jikkontempla r-reat li bih l-akkuzat gie akkuzat u cioe dik naxxenti mill-Ordinanza Dwar il-Professjoni medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqmu maghha u cioe' Artikolu 120A ta' Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Minflok il-Qorti iccitat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) u artikoli 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad li din mhiex kwistjoni ta' "lapsus calami vel computeri" li ma jġibx in-nullita' tas-sentenza fit-termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminaliu kif mistqarr, inter alia, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**[14] fejn inghad:

*In kwantu ghall-ewwel aggravju huwa evidenti li r-riferenza ghall-avviz legali 52/1996 huwa lapsus calami li ma jwassalx ghas-sanzjoni estrema tan-nullita' tas-sentenza appellata minkejja dak provdut fl-artikolu 382*[15] *tal-Kodici Kriminali peress li hu wisq evidenti mis-sentenza appellata*

---

[14] Deċiża mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Novembru 2011.

[15] Ara Appelli Inf **P v Lorenzo Attard** nhar il- 25 ta' Awwissu, 2008; **P v Mark Sapiano** deciz nhar it-8 ta' Mejju ,2006; **P v Robert Sultana**, deciz 22 ta' Marzu, 2005; **P v Marbeck Cremona** deciz nhar l-10 ta Settembru ,2007. Ara wkoll dwar l-effett ta' lapsus calami in generali: Appell Inf **P v Paul Borg**, deciz nhar is-6 ta Ottubru ,2003; **P v Amanda Pace** deciz nhar l-1 ta Ottubru, 2003; **P v Anthony Rapa** deciz nhar id-19 ta Settembru 2007; **P v Carmel Dimech et** deciz nhar it-2 ta Novembru,2007; **P v Charlot Aquilina**,deciz nhar l-20 ta Mejju, 2009; **P v David Briffa**,deciz nhar it-22 ta April, 2009; **P v Emanuel Bugeja**, 19/02/2004; **P v Francesca Bell** deciz nhar id-29 ta Marzu ,2006; **P v Francis Camilleri**, deci nhar il-25 ta Gunju ,2001; **P v Jeffrey Savage** deciz nhar l-1 ta Gunju ,2011; **P v James Demanuele** deciz nhar l-10 ta' Ottubru, 2004; **P v Jeffrey J. Brincat et** deciz nhar it-22 ta Awwissu ,2007, u diversi ohrajn

*stess li l-indikazzjoni 52/1996 hi wahda manifestament zbaljata u li l-indikazzjoni korretta li ghaliha riedet tirreferi l-ewwel Qorti kienet dik ghall-Avviz Legali 52/1986.*

Huwa essenzjali *sine qua non* li s-sentenza tkun tinkludi fiha l-elementi kollha rikjesti mill-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u li ikun fiha wkoll referenza ghall-Artikolu li jikkontempla r-reat - dik is-sentenza tibqa' valida anke jekk setgħet kienet impreċiża fis-sens li inkludiet riferenza għall-Artikoli tal-ligi ohra ukoll hew li ccitat Artikolu ta' ċirkostanzi aggravanti. Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza meta l-Artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x' aktarx gara f' dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullita' tas-sentenza appellata. ( **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[16]" u ohrajn.)

Illi konsegwentement dan id-difett riskontrat fuq imsemmi necessarjament irid jwassal lil din il-Qorti sabiex "ex officio" tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-imputat, mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.

(Ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**
Adrian Micallef
Deputat Registratur

[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju 1987.